SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 22-13**

Illum Il-Ħamis, 19 ta' Diċembru 2013
Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.00pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo kienet preżenti għal din il-laqgħa.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Terrence Ellul informa l-Kunsill permess ta' *e-mail* li ma setgħax jattendi għall-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 21-13 li saret nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru 2013 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

#### *1.1.1 Proġett ta' Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.1 u nforma l-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi li kien hemm fir-rigward tal-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li l-Ministeru tal-Finanzi kien approva n-nefqa nvoluta biex isiru *trenching works* ħalli jitwassal *cable* mis-*substation* ta' l-Enemalta fi Triq Ġuljetta Lopez sa Triq il-Peprin. Huwa qal ukoll li x-xogħol fuq trinka li saret biex jiġi mqabbad id-dranaġġ ġiet tiswa aktar minn dak li kien kwotat u ppjanat peress li l-kuntrattur kellu jinżel aktar fil-fond milli kien previst.

#### *1.1.2 Ċertifikazzjoni ta' xogħolijiet mill-Periti tal-Kunsill*

Is-Sindku rrefera għall-kontijiet fuq xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini li għalkemm ikunu approvati mill-Kunsill, ma jitħallsux qabel dawn ix-xogħolijiet ikunu ċertifikati mill-periti tal-Kunsill. Is-Sindku qal li qed ikun hemm dewmien żejjed biex il-periti joħorġu din iċ-ċertifikazzjoni bil-konsegwenza li l-kuntrattur ma jitħallasx. Huwa qal li dan qed joħloq inkonvenjent sew lill-kuntrattur li jkun irid iħallas lil ħaddiema speċjalment f'dawn il-ġranet tal-Milied, kif ukoll lill-Kunsill li suppost iħallas sa tlettin ġurnata mid-data tal-*invoice*. Is-Sindku ppropona li l-kuntrattur involut jitħallas is-somma ta' 4,383 euro ta' wieħed mill-kontijiet dovuti lilu ħalli jkun jista jħallas il-ħaddiema. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-28 ta' Novembru 2013 u t-18 ta' Diċembru 2013 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- Chairman Enemalta – Proposta dwar il-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1236/13/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali – Assikurazzjoni tal-Flus 2014
- 1250/13/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *Group Health Insurance Policy* 2014
- 1253/13/I – Resident – Sotto Kumitat Anzjani
- 1255/13/I – Mepa – *Firework Factory complexes Policy – Public Consultation*
- 1256/13/I - Ministeru tal-Finanzi – Approvazzjoni ta' xogħol relatat mal-Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Ġnien Ċiniż
- 1258/13/I – Enemalta - *Route for Trenching Works*
- 1259/13/I – Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Taħriġ fil–*Computers* mill-MCA
- 1260/13/I – Kumitat tal-Karnival – Karnival fl-Irħula 2014
- 1262/13/I – Vodafone Malta Ltd. – *RED Plan Information*

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- SLLC Memo 20/2013 – Dati mportanti għax xahar ta' Dicembru 2013
- SLLC Memo 21/2013 – (a)Attivita ta' l-Iskola Sekondarja tal-Bniet f'Santa Luċija
  (b)*Newsletter* tal-Kunsill
- SLLC Memo 22/2013 – *Newsletter* tal-Kunsill
- SLLC Memo 23/2013 – Pagament fuq xogħol ta' pavimentar bil-mattonċina f'Dawret it- Torri
- Direttorat Għat-Tmexxija tal-Propjeta' – Pjanti tal-Proġett ta' Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1236/13/I il-Kunsill approva it-tiġdid tal-Polza tal-Assikurazzjoni tal-Flus għas-sena 2014.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1250/13/I il-Kunsill approva it-tiġdid tal-*Group Health Policy* għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill għas-sena 2014

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1253/13/I il-Kunsill innota li kien hemm resident wieħed biss li wera nteress fis-sejħa li saret biex jitwaqqaf sotto-kumitat għall-anzjani.

***3.4*** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1255/13/I il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss jiddiskuti fid-dettal dwar il-konsultazzjoni pubblika li ser issir mill-Mepa dwar il-*Fireworks Factory Complexes Policy.*

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1256/13/I u 1258/13/I – is-Sindku nforma li l-Ministeru tal-Finanzi kien approva l-kwotazzjoni ta' DP Road Construction Ltd biex titħaffer trinka u jitqiegħed *cable* tad-dawl mis *sub-station* fi Triq Ġuljetta Lopez sa' Ġnien is-Serenita'. Huwa nforma wkoll li l-Enemalta ma sabitx oġġezzjoni għar-rotta li kien ippropona hu biex jitwassal dan il-*cable*. Huwa spjega fid-dettal il-pjanta ta' din ir-rotta u ta r-raġuninijet wara din id-deċiżjoni.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1259/13/I il-Kunsill wera nteress li jipparteċipa fl-inizjattiva tal-MCA li qed toffri tgħallim tal-*computer* lir-residenti mingħajr ħlas. Is-Segretaju Eżekuttiv għandha tikseb aktar tgħarif dwar din l-inizjattiva ħalli jinħarġu l-avvizi għar-residenti.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1260/13/I is-Sindku qal li min jixtieq jorganizza xi attivita għal żmien tal-Karnival għandu jinfurma l-Kunsill biex isiru l-arranġamenti meħtieġa. Huwa ħeġġeġ lil Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ biex torġanizza attivita' għaż-żgħażagħ għal żmien il-Karnival.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku nforma lil Kunsill li kien kiteb liċ-Chairman ta' l-Enemalta fejn ippropona li l-Enemalta tikkontribwixxi fil-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita billi terfa l-ispiża tal-*cable* u *labour works* li hemm bżonn biex jiżdied il-*power supply* ta' Ġnien is-Serenita'.

## *4.2 Skultura ta' Joe Agius*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet tlestiet il-bazi ta' l-iskultura ta' Joe Agius li nagħtat lil Kunsill biex titqiegħed fil-*Picnic area*. Huwa qal li b'hekk issa x-xogħol fuq din l-iskultura jinsab komplut.

,

## *4.3 Żjara minn Delegazzjoni Ċiniża minn Gusu District*

Is-Sindku rrefera għaż-żjara li delegazzjoni minn Gusu District kienet sejra tagħmel bejn id-19 u l-21 ta' Diċembru 2013. Huwa qal li ġie mħejji *Itenerary* għal din iż-żjara fejn ġew ikkordinati diversi laqgħat importanti fosthom dik mal-Ministru għal Kultura u Gvern Lokali, is-CEO tal-Freeport u d-Deputat Gvernatur tal-Bank Ċentrali. Is-Sindku qal ukoll li d-delegazzjoni Ċiniża ser tkun qed tiltaqa' mal-kommunita' ta' Santa Luċija f'attivita tal-Milied li ħejja l-Kunsill għal dawn iż-żminijiet tal-festi.

## 4.4 Attivita' tal-Milied

Is-Sindku ta nformazzjoni dwar l-attivita tal-Milied li qed tiġi organizzata mill-Kunsill u li ser issir il-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru 2013. Huwa qal li ser ikun hemm diversi kantanti li ser jitħallsu madwar €30.00 kull wieħed. Huwa qal li ser jinkera servizz ta' PA system għal prezz ta' €120.00. Is-Sindku qal li għal din l-okkazzjoni ser jiġu mistiedna l-ħaddiema Ċiniżi li qegħdin jaħdmu fuq il-Proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'.

## 4.5 One way Triq Pensjeri

Il-Kunsill iddiskuta s-sistema tat-Traffiku fi Triq il-Pensjeri u qabel li jezisti periklu fil-ħruġ għal fuq Triq Għeneb id-Dib. Il-Kunsill qabel li issir proposta lil Transport Malta biex din it-triq issir *one way*.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4842 sa numru BOV4869 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn il-25-11-2013 u l-10-12-2013.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 21-13(29-11-2013)

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Euro |
|---|---|---|---|
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 14/013 | 133.00 |
| Ricky Caruana | RM/PF (57-12-12) | 13/013 | 1066.85 |
| Nexos Street Lighting Ltd | SL(57-09-04) | 2010555 | 863.08 |
| Nexos Street Lighting Ltd | SL(57-09-04) | 2010577 | 646.00 |

## 6. PERFORMANCE BONUS GĦALL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

Il-Kunsill approva l-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill kif ġej:

| | |
|---|---|
| Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv | 10% |
| Louise Gatt – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% |
| Claudia Costantino – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% (Jannar 2013 sa Frar 2013) |
| Marilyn Ellul – Skrivana | 6% (Frar 2013 sa Diċembru 2013) |

## 7 Awguri tal-Milied

Is-Sindku għamel diskors fl-okkazzjoni tal-festa tal-Milied u l-ewwel tas-sena. Huwa qal li s-sena 2013 kienet sena movimentata ħafna. Huwa semma l-ħatra ta' Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ li għal Kunsill ta' Santa Luċija hija s-Sinjorina Claire Mamo li aċċettat din il-kariġa. Semma wkoll il-proġett ta' Ġnien is-Serenita' li huwa l-akbar proġett li sar f'Santa Luċija sa llum. Is-Sindku tkellem ukoll fuq ix-xogħol ta' *resurfacing* li sar fuq Triq Ġuljetta Lopez u semma wkoll li fil-bidu tas-sena d-dieħla ser jibda x-xogħol fi Triq il-Ġnien. Huwa qal li taħt l-iskema tal-PPP l-Kunsill ser ikun irnexxielhu jagħmel tlett toroq prinċipali u kbar. Huwa qal li l-fatt li dawn qed isiru f'temp ta' tlett snin, kien fundamentali biex il-Kunsill jibqa f'sitwazzjoni finanzjarja tajba li tippermettilu li jlaħħaq ma' *commitments* oħra relatati mar-responsabilitajiet li għandu bħala Kunsill Lokali. Is-Sindku temm id-diskors tiegħu billi rringrazzja lil Kunsill u l-Amministrazzjoni ta' l-appoġġ u ħidma kontinwa u awgura l-Milied u s-Sena tajba lil kulħadd.

**8. TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fil-5:00p.m

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar 2014 fl-4.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ..........................,...... ta' ........................ 2014**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**